**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 183 u 533**
**tal- Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kump. Nru.:600/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Angelo Gafa u Jonathan Ferris)**

**vs**

**JOSEPH ANGILERI**
**(Karta tal-Identita' Numru 316945M)**

**Illum, 25 ta' Frar 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat Joseph Angileri detenur tal- karta ta' l-identita' bin-numru 316945(M) tressaq quddiemha akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Settembru 2009 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew

helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ certifikat nawtiku mahrug mill-Awtorita' Marittima Maltija.

Il-Qorti ntalbet sabiex f’kaz ta’ htija tal-akkuzat, ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti cioe’ estratt mill-att tat-twelid tal-imputat (a fol. 6), Fedina Penali (a fol. 7) u l-Kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja datat 8 ta’ Gunju, 2010 (a fol. 8).

Rat li l-**Ispettur Angelo Gafa'** xehed fl-4 ta' Ottubru, 2010. Jghid illi dan il-kaz beda fuq rapport datat 12 ta' Ottubru 2009 li l-Pulizija kienet irceviet minghand is-sur Lino Vassallo, Direttur Ezekuttiv fil-Merchant Shipping gewwa l-Malta Maritime Authority rigward allegat kaz ta' certifikat nawtiku falz. Jghid illi filfatt is-sur Vassallo kien spjega li fil-25 ta' Settembru 2009 is-Sur Arthur Napier fil-kariga tieghu ta' Designated Person Ashore mal-Gozo Channel Company Limited, kien informa lil Kevin Tonna fil-Malta Maritime

Authority, li certu Angelo Demanuele li kien jahdem mal-Gozo Channel Company Limited kien tilef certifikat li jissejjah Efficient Dech Hand (EDH) u kien jitlob iehor gdid.

Jghid illi in segwitu' intbaghat *true copy* ta' dan ic-ceritifkat ta' Demanuele li kien datat 20 ta' Lulju 2000 lil Mr. Napier tal-Malta Maritime Authority, u dan permezz ta' email u dan kellu numru ta' referenza 51758.

Jghid illi peress li Mr. Napier kien diga' infurmat li sejra ssir spezzjoni fuq il-vapuri tal-Gozo Channel u dan minghajr ma kien qed jiddubita il-genwinita' ta' dan ic-ceritifkat mghoddi lilu, kien ukoll allura awtentitka dan ic-certifikat u dan gie awtentikat issa minn Kevin Tonna li kien huwa wkoll ufficjal fil-Malta Maritime Authority gewwa s-Seafarer Certification Unit u dan iccertifikah bhala True Copy of the original u hargu peress li l-Gozo Channel riditu malajr peress li kienu ser isiru xi spezzjonijiet. Jghid illi dan kien rah iccertifikat mill-Human Resources Manager tal-kumpanija Gozo Channel u ghalhekk ma dubitax minn dan ic-certifikat.

Jghid illi fit-2 ta' Ottubru, 2009 is-Sur Napier mar fil-Malta Maritime Authority sabiex jigbor ic-certifikat ta' Demanuele, u dan gie infurmat illi skond ir-records li kellha l-MMA, lil Angelo Demanuele qatt ma kien inhariglu dan ic-certifikat. Jghid ukoll illi kien gie nfurmat li c-certifikat 51758 kien fil-fatt inhareg mill-MMA lil certu Anton Zammit fl-20 ta' Lulju, 2000

u allura d-data tieghu kienet taqbel, cioe' dik ta' l -20 ta' Lulju 2000, izda dan ic-certifikat ma kienx mahrug lil Angelo Demanuele immja lil Anton Zammit.

Sussegwentement fit-2 ta' Ottubru, 2009, l-MMA kienet baghtet ghal dan Angelo Demanuele, u dan infurmahom li hu qatt ma kien mar l-ufficini taghhom sabiex jissottometti jew jigbor xi certifikati u qalilhom li c-ceritifkat kien gie mghoddi lilu fis-sena 2000 minn ufficjal tal-Gozo Channel li ma kienx jiftakar min hu.

Ix-xhud jghid illi hu kkonferma mal-MMA li sur Demanuele qatt ma kien attenda xi korsijiet jew ghamel xi ezamijiet. Hawnhekk il-pulizija bdiet tinvestiga dan il-kaz. Kienu tkellmu mas-Sur Lino Vassallo tal-MMA fejn dan spjega li certifikat EDH ikun jiccertifika li bahri jkollu l-kapacitajiet necessarji sabiex jaghmel *duties* abbord fuq il-vapur. Jghid illi sabiex persuna tkun tista' tpoggi ruhha ghal kors li jwassal ghal dan ic-certifikat, ikollu l-htiega ta' tnax-il xahar *on going service* abbord bastiment ibahhar f'ibhra internazzjonali.

Qal li s-Sur Vassallo qalilhom ukoll li dan il-kors huwa mfassal fuq gimgha jew hmistax u jsir fl-ufficini tal-MMA, izda fis-sena 2000 kien isir gewwa l-iskola nawtika fil-Floriana u ghalih kien hemm mizata ta' tlieta u ghoxrin Ewro (€23).

Kompla jghid illi s-sur Vassallo kien ukoll qalilhom fil-kors tal-investigazzjoni prelimiari tal-Pulizija, li l-persuna li lilu nhareg dan ic-certifikat kien Anton Zammit, iben Raymond u Josephine nee’ Vella, imwieled H'Attard fl-1 ta' Novembru 1979 u li kien joqghod 147, Triq Villambrosa, Hamrun u detenur tal-karta ta' l-identita' numru 516579(M). Irrizulta li dan is-sur Zammit kien ghadda minn dan l-ezami fid-29 ta' Ottubru, 1999.

Ix-xhud spjega li meta ccekjaw mal-ETC irrizulta li Anton Zammit bejn il-31 ta' Lulju 2000 sas-7 ta' Settembru 2008 fil-fatt kien impjegat mal-Gozo Channel bhala Chief Officer. Jghid illi ghalhekk meta hareg ic-certifikat bin-numru 51758 kien ghamel dan il-perjodu jahdem mal-Gozo Channel.

Jghid illi PS 474 Norbert Said kien qieghed jikkomunika mal-Human Resources Manager tal-Kumpanija Gozo Channel, cioe’ Joseph Angileri l-imputat, l-iktar persuna idonea u li kien icertifika dan ic-certifikat bhala *true copy*. Jghid illi s-sur Angileri kien intervistat fid-19 ta’ Ottubru, 2009 fejn qalilhom illi f'Mejju ta' qabel is-sur Demaneule kien impjegat bhala Bosun mal-kumpanija Gozo Channel. Spjega li Bosun huwa forma ta' supervisor fuq il-bahrin. Qabel dak l-impjieg, kien impjegat bhala security officer fuq ix-xatt jigifieri ma kienx jahdem fuq il-bahar. Angileri qalilhom ukoll li sabiex persuna tkun tista' tahdem abbord bastiment tal-Gozo Channel, dan kellu bzonn wiehed minn tliet certifikati, cioe’ jew dak ta’

General Purpose Hand (GPH) jew Efficient Deck Hand (EDH) jew AB. Qalilhom illi f'dan il-kaz is-sur Demanuele kien fil-pussess tac-certifikat EDH, cioe' c-certifikat mertu ta' din il-kawza.

Hawnhekk ix-xhud spjega li f'dan l-istadju l-imputat kien qed jassisti lill-pulizija fl-investigazzjoni, w kien spjegalhom li f'Mejju tal-2009 huwa kien ra c-certifikat originali w kien ghalhekk li awtentika l-kopja tieghu. Inoltre kien zamm kopja tal-istess certifikat fil-file ta' Demanuele li kien mizmum fl-ufficcju tal-Gozo Channel. Pero' dakinhar ma setax jiftakar jekk l-originali kienx tah lura lil Demanuele u lanqas meta kien gie prezentat lil Gozo Channel. Meta kien mistoqsi ghar-records ta' Anton Zammit, li huwa l-persuna li lilu kien genwinament inhareg ic-certifikat tal-EDH mertu tal-kawza, Angileri insista li ma nstabu l-ebda EDH Certificates gewwa l-file ta' Anton Zammit, w ghalhekk baqghu mieghu li kellu jfittex ghac-certifikat li qal li kien ra. L-imputat jghid illi ma kienx sab ic- ceritifikat fil-file ta' Demanuele izda fit-22 ta' Ottubru 2009, l-imputat kien ipprezenta vera kopja ta' certifikat li l-imputat insista li kien ic-certifikat originali li kien ra fil-file ta' Demanuele. Il-Pulizija gabret dan ic-certifikat minghand is-Sur Angileri u tieghu inghatatlu ricevuta.

Spjega li c-certifikat originali EDH ikun ipprintjat fuq karta hadra, waqt li dak li tahom l-imputat kien fuq karta bajda u kien hemm miktub *certified true copy of the original*, izda l-imputat

baqa' jinsisti li dak kien l-originali. Jghid illi f'dan l-istadju lill-pulizija rrizultalha illi s-Sur Angelo Demanuele kien qieghed jaghmel *duties* ta' Bosun mal-Gozo Channel minghajr ma kellu l-kwalifici necessarji ghax il-MMA baqghu jinsistu li lil Demanuele qatt ma nhariglu certifikat ta' EDH. Jghid illi sadattant pero' baqghu jevalwaw il-verzjoni ta' Joseph Angileri li baqa' jinsisti maghhom li ra c-certifikat originali. Ix-xhud jghid illi huma dehrilhom li dan qatt ma seta' kien il-kaz peress li dan qatt ma pogga ghall-ezami u c-certifikat in kwistjoni kien mahrug minn persuna ohra. Zied li pero' sadattant ma setghux jistabilixxu *link* bejn iz-zewg persuni u cioe' bejn l-imputat u Angelo Demanuele.

Jghid illi mbaghad baghtu ghal Anton Zammit, il-persuna li lilu nhareg ic-certifikat 51758, ittehditlu stqarrija wara li nghata s-solitu twissija skond il-ligi. Riedu jaraw jekk dan setax kien kien involut f'dan il-kaz. Jghid illi dan kien ikkonfermalhom li kien ghadda kopja tac-certifikat flimkien ma' kopja ta' certifikati ohra lil-kumpanija Gozo Channel, specifikament lis-Sur Joseph Angileri meta kien dahal jahdem fil-kumpanija fis-sena 2000.
Dan qalilhom li l-kumpanija zammet kopji w fil-pussess tieghu kellu l-originali li fil-fatt kien anke wrihulhom. Qalilhom anke li hu qatt ma ghadda dawn ic-certifikati lil hadd, wisq anqas lil Angelo Demanuele.

L-Ispettur izid jghid illi dakinhar kien eleva c-certifikat originali mahrug lil Anton Zammit numerat 51758, u sostna li

kien jidher car illi c-ceritifikat mahrug lil Angelo Demanuele kien kopja ta' dak mahrug lil Anton Zammit bl-unika differenza tkun il-bidla fl-isem u d-data tat-twelid u *discharge book number*. Mill-bqija kien kollox l-istess, sahansitra anke t-timbri kienu fl-istess pozizzjoni.

Jghid illi fis-26/27 ta' Ottubru, 2009 kienu nterrogaw lil Angelo Demanuele, fejn wara li nghata t-twissija, stqarr li f'Gunju jew Lulju 2009 kien iffalsifika dan ic-certifikat u dan kien sar bl-ghajnuna tal-Human Resources Manager tal-Kumpanija Gozo Channel Joseph Angileri. Jghid illi fil-fatt is-sur Demanuele kien spjega li sa minn Gunju 2009 kien gie *promoted* bhala bosun abbord il-bastimenti tal-Gozo Channel u qabel dan ghal snin twal kien jahdem bhala watchman jew security ma' l-istess kumpanija pero' dan mhux fuq il-bahar imma fuq l-art.

Ix-xhud kompla jispjega li kien hemm *internal call for applications* u f'Mejju s-sur Demanuele intaghzel minn tliet kandidati li kienu ssottomettew l-applikazzjoni taghhom ghal Bosun. Jghid illi Demanuele kien ammetta maghhom li hu kull ma kien attenda kien Fire Fighting Course fil-bidu tas-snin disghin (1990) u li kellu wkoll 'Steering Ticket' li nhariglu fis-snin tmenin (1980) u ktieb tal-bahar bhal kull bahri iehor. Pero' ammetta li qatt ma kien attenda l-kors tal-EDH u wisq anqas kien inghata dan ic-certifikat tal-MMA u kkonfermalhom li dan kien ic-certifikat kien falz.

Jghid illi s-sur Demanuele kien stqarr maghhom li hu kien beda jahdem bhala bosun fit-18 ta' Gunju, 2009. Xi gimgha wara (li mill-investigazzjoni hareg li kien l-1 ta' Lulju, 2009) kien gie assenjat jaghmel duties ta' bosun mal-kaptan Mario Grech abbord il-vapur MV Malita. Jghid illi l-kaptan kien staqsih ghandux ic-certifikat sabiex ikun jista' jahdem bhala bosun, cioe' ghal General Purpose (GP) jew EDH jew PFRB Proficiency in Fast Rescue Boat u hu wiegbu li le w ghalhekk il-kaptan kien biddlu ma' haddiehor.

Jghid illi minn dak iz-zmien 'il quddiem kien baqa' jahdem bhala bosun ma kaptani ohra imma mhux mal-kaptan Grech. Xi hmistax wara kien baghat ghalih Joseph Angileri fejn tah certifikat – li Demanuele wara kkonferma li kien falz- mimli bid-dettalji tieghu hlief ghall-firem taghhom it-tnejn (Demanuele u Angileri). Ix-xhud zied jghid illi Demanuele kien jaf li dan kien certifikat falz ghaliex hu qatt ma attenda korsijiet, u li l-imputat Angileri li wkoll kien jaf b'dan, ukoll iffirma dan ic-certifikat. Dan sehh f'Lulju 2009. Angileri kien qal lil Demanuele li minghajr dak ic-certifikat qatt ma seta' jahdem ta' bosun u li kellu jipprezenta tali certifikat fejn jigi hekk mitlub. Sussegwentement bejn it-8 u t-12 ta' Settembru 2009, Demanuele kien intbghat Black Pool l-Ingilterra u dan sabiex jaghmel kors PFRB - certifikat iehor li l-kaptan Grech kien saqsih jekk ghandux u dan ukoll kien wiegbu li le.

Ix-xhud kompl kif fit-13 ta' Settembru dan kien gie lura minn Blackpool u rega' gie assenjat b'duties ta' bosun mal-Kaptan Mario Grech u ghal darb'ohra dan rega’ stqasih x'certifikati nawtici kellu. Rigward il-PFRB, ic-certifikat l kien ghadu kemm gab mill-Ingilterra, dan qallu li kien ghadu kemm ghamlu u urih kopja tieghu u urih kopja tac-certifikat EDH li kien ghaddielu sur Angileri. Qal illi xi granet wara kien baghat ghal Demanuele ic-Chief Executive Officer tal-Gozo Channel il-Kaptan Fritz Farrugia fejn dan kien qallu li kien se jaghmel verifici rigward l-EDH certificate tieghu. L-Ispettur qal illi Demanuele qatt ma qal lis-CEO li dan ic-certifikat kien falz.

Jghid illi wara l-Kaptan Mario Grech kien ghamel protest gudizzjarju f'isem il-kumpanija Gozo Channel Company Limited fejn kien ghamel referenza ghal diversi issues u wahda partikolari kienet li kien hemm bahri qieghed jaghmel uzu ta' certifikat falz.

Meta intalab biex jipprezenta c-certifikat originali mis-Sur Arthur Napier mill-Kumpanija Gozo Channel, Demanuele kien wiegbu li tilfu u qallu biex ikellem lis-Sur Angileri. Napier talbu jaghmel dikjarazzjoni f’dan is-sens u konsegwentement spicca mitkellem mill-Malta Maritime Authority. Ix-xhud iddikjara li Demanuele dejjem tenna li hu qatt ma talab l-assistenza ta’ hadd biex ikun promoss. Qal ukoll li fis-26 ta’ Ottubru 2009 sar konfront bejn Angileri u Demanuele u zied li ghalkemm Demanuele fil-prezenza tal-imputat stess beda jghid

li Angileri kien ipprezentah b'certifikat iffalsifikat bil-lest li kien jonqsu biss il-firem, l-imputat baqa' jinnega.

Jghid illi fil-kors ta' l-investigazzjoni kien kellem lil Kaptan Grech fejn dan kien ikkorrobora dak li kien qalilhom Angelo Demanuele. Il-Kaptan Grech kien qalilhom illi wara l-elezzjoni ta' l-2008 s-sur Demanuele kien talab biex jibda jahdem abbord il-bastimenti pero' meta huwa staqsih xi kwalifici kellu, s-sur Demanuele kien qallu li ma kellu l-ebda kwalifici li bihom allura seta' jahdem abbord fuq il-bastiment tal-Gozo Channel.

Wara l-kaptan ghamel referenza ghal-1 ta' Lulju 2009 fejn is-sur Demanuele gie assenjat duties mieghu, staqsieh rigward dawn ic-certifikat u ghal darb'ohra qallu li ma kellux u hemmhekk kien bidlu ma' haddiehor u l-Kaptan baghat email lill-Kaptan Fritz Farrugia pero' dan qatt ma wiegbu. Grech kien jaf li Demanuele kien qed jahdem ta' bosun ma' kaptana ohra w meta wara xi zmien rega' kien assenjat mieghu u dan kien tah ic-certifikat u kien qallu li l-kumpanija kienet ghadditulu, mill-ewwel induna li din ma kienetx normali ghaliex is-soltu l-affarijiet isiru bil-maqlub u ssuspetta li dan seta' kien certifikat falz, anke minhabba d-data li kellu fuqu li kienet tikkombacja maz-zmien meta Demanuele kien qallu li ma kellux certifikati. Allura ghat-tieni darba gibed l-attenzjoni tas-CEO.

Ix-xhud ikompli jispjega illi kienu nterrogaw lis-CEO il-Kaptan Farrugia fejn dan kien semma z-zewg incidenti mal-Kaptan

Grech kif ukoll illi hu kien sponsorja lil Demanuele jmur jaghmel kors ghaliex Malta ma jsirx. Jghid illi meta kien ircieva l-email tal-Kaptan Grech, kien ghamel xi verifiki ma' Angileri fejn dan kien qallu li Demanuele kellu fil-pussess tieghu l-EDH certificate izda ma kellux PFRB. Il-Kaptan Farrugia qallu li kien staqsa lil Angileri kif Demanuele kien intaghzel bhala bosun meta ma kellux dan ic-certifikat, u qal ukoll li dejjem baqa' bla risposta. Ikkonferma li hu qatt ma rcieva l-ebda pressjoni biex jappunta lil Demanuele bhala bosun. Farrugia kompla jispjega lix-xhud li meta Demanuele rritorna minn Blackpool u mar biex jahdem mal-Kċaeptan Grech, dan xorta rrifjutah minhabba li kien qed jissuspetta li l-EDH Certificate li dan kellu kien falz. Allura Farrugia rega' ghamel il-verifiki tieghu.

Xi gimgha wara l-Kaptan Farrugia kien ikkuntattja lix-xhud fejn infurmah li Angileri kien urih kopja awtentikata bhala 'certified true copy of the original'. Fl-24 ta' Settembru, 2009 nil-Kaptan Grech kien ipprezenta protest gudizzjarju kontra l-Gozo Channel u kien hawnhekk li s-CEO ta struzzjonijiet lil Arthur Napier bhala DPA tal-Gozo Channel biex jivverifika l-awtenticita' tac-certifikat tal-EDH mahrug lil Demanuele. Dan kien gie nfurmat mill-MMA li dan ic-certifikat bin-numru 51758 kien jappartjeni lil persuna ohra u allura s-CEO ordna li Demanuele kellu jerga' jibda jaghmel xoghol fuq ix-xatt.

L-Ispettur qal illi l-kaptan kien stqarr mieghu li kull informazzjoni rigward ic-certifikat ta' Angelo Demanuele kien qieghed jirceviha minghand Joseph Angileri u dan fil-kapacita' tieghu bhala Human Resources Manager tal-kumpanija. Jghid illi ghalhekk il-pulizija waslet fil-konkluzzjoni li tissuspetta f' Joseph Angileri.

Jghid li meta kienu interroggaw lill- imputat dan baqa' jinnega li ffalsifika xi certifikat. Angileri kien membru tal-adjutications board li kien ghazel lil Angelo Demanuele bhala bosun. Wara s-selezzjoni kien talbu ghac-certifikat u dak qallu li ma setax isibu. Baqa' jinsisti li kien sab ic-certifikat li kien ghadda lill-pulizija li kien immarkat bhala 'certified true copy of the original'. Meta mistoqsi jekk kienx ra l-original baqa' jghid li c-certifikat originali kien gabu mil-file u ghaddieh lill-pulizija. Izda fl-istess waqt kien qal li huma ma jzommux certifikati originali. Meta mistoqsi kif iccertifikah *true copy* bla ma ra l-original, dan ma tahx risposta.

Ix-xhdu qal illi Angelo Demanuele kien tressaq il-Qorti u dan kien ammetta l-akkuzi migjuba kontrih. Jghid illi qieghed jipprezenta **DOK AG4** il-kopja tar-rapport li intbaghtet b'email lill-Pulizja minghand Lino Cassar tal-MMA u annessi maghhom hemm id-dokumenti kollha li kien fil-fatt baghat is-sur Vassallo. **DOK AG5** huwa t*rue copy of the original* ta' EDH certificate in kwistjoni. Ic-certifikat originali jinsab prezentat u parti mill-process Pulizija vs. Angelo Demanuele.

**DOK AG6** hija l-ircevuta li kienet inharget lil Joseph Angileri fit-22 ta' Ottubru 2009. Filwaqt li **DOK AG7** huwa l-EDH certificate 51758 mahrug lil Anton Zammit din hija kopja tal-originali. L-originali jinsab ukoll esebit fil-process Pulizija vs. Angelo Demanuele. **DOK AG8** hija kopja ta' rcevuta li l-Pulizja kienet tat lil Anton Zammit ghar-rigward tat-tehid tac-certifikat u **DOK AG9** hija l-istqarrija li l-imputat kien irrilaxxa fis-27 ta' Ottubru 2009 wara li nghata s-solita twissija skond il-ligi. Jghid illi qieghed jgharaf il-firem tieghu tal-imputat li qieghed fl-Awla u ta' PS 474 Norbert Said.

**DOK AG10** hija dikjarazzjoni tal-imputat li kien irrilaxxa mal-Pulizija fid-19 ta' Ottubru 2009 fejn f'dak l-istadju hu kien il-persuna li l-pulizija kienet qed titlob informazzjoni minghandu rigward is-sekwenza tal-fatti. **DOK AG11** dikjarazzjoni ohra ta' Joseph Angileri datata 22 ta' Ottubru 2009 li irilaxxa waqt stadju ta' investigazzjoni kif ukoll dak iz-zmien il- pulizija kienet qed taghmel kuntatt mieghu bhala Human Resources Manager tal-kumpanija u li minghandu kienet tehtieg l-informazzjoni . **DOK AG 12** Huwa kopja ta' file li kien gab is-sur Angileri fl-ufficju tieghu u kopja taghhom originali **DOK AG13.**

**Robert Bugeja** xehed fid-19 ta' Novembru, 2010 u esebixxa numru ta dokumenti li gew markati bhala **DOK BR1,** konsistenti f’certfikat ta’ EDH f’isem Angelo Demanuele bit-

timbru ‘certified true copy’ maghmul minn Joseph Angillieri, ricevuta ta l-istess mahruga minn PS 474 Norbert Said, certfikat EDH mahrug f’isem Anton Zammit datat 20 ta Lulju 2000 u ricevuta tal-istess moghtija lil Anton Zammit.

**Arthur Napier** xehed fid-19 ta' Novembru, 2010. Jghid illi hu Electronics Engineer mal-Gozo Channel, jghid illi qabel kien Designated Person Ashore u hu gie mwaqqaf minn dan ix-xoghol fit-12 ta' Ottubru 2010. Jghid illi fit-13 ta' Settembru 2009 u anke fix-xhur ta' qabel hu kien jahdem bhala Designated Person Ashore u Electronics Engineer fl-istess hin.

Zied jghid illi hu kien gie imqabbad mic-CEO ta' dak iz-zmien sabiex jiccekkja mal-MMA fuq xi hadd li allegatament kellu c-certifikati foloz. Jghid illi din il-persuna kienet Angelo Demanuele fejn hu kien talbu jghaddilu c-certifikati izda dan qatt ma ghaddihomlu. Jghid illi ghalhekk hu kien talbu kopja kif ukoll dikjarazzjoni li kien tilef l-originali.

Esebixxa vera kopja tal-original tad-dikjarazzjoni li kien ghamel Angelo Demanuele li biha kien qal li huwa kien tilef ic-certifikat originali, liema dokument gie mmarkat bhala **DOK ANP1.**

Spjega li kien ghadda kopja taghha lic-chairman tal-Gozo Channel, l-ohra lil Manager tal-Human Resources tal-Gozo Channel u l-ohra lil-MMA. Ma’ din id-dikjarazzjoni kien

hemm ukoll kopja tac-certifikat li gie prezentat bhala **DOK ANP2.** Jghid illi kien gie infurmat b'telefonata illi kien jidher li c-certifikat kien genwin, u b'email kienu baghtulu kopja tieghu. Qalulu sabiex ihalli erbat 'ijiem biex imur jigbor l-original, izda meta mar ghalih kien gie infurmat illi dan ma kienx awtentiku u li ma kienx certifikat ta' l-istess Angelo Demanuele.

Jghid illi peress li Demanuele kien diga' jahdem bhala bosun staqsihom jistax jibqa' jahdem hekk u huma qalulu biex ahjar le minhabba li m'ghandux il-kwalifiki necessarji. Jghid illi hu avza lis-CEO u li ghalhekk kien gie imwaqqaf milli jkompli jahdem abbord.

Kompla li mbaghad talab l-employment history ta' Joseph Angileri, li giet esebita bhala **DOK ANP3.** Minn ezami tal-istess jirrizulta illi fit-13 ta' Settembru 2009 u fix-xhud ta' qabel, sad-19 ta' Frar 2010, Angileri kien jokkupa l-kariga ta' Human Resources Consultant tal-Gozo Channel.

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni spjega li Angelo Demanuele gie mahtur bhala bosun b'effett mit-18 ta' Mejju 2009 u f'dana r-rigward esebixxa **DOK ANP 4.** Qal illi sabiex wiehed ikun jista' jaghmel dan ix-xoghol irid jissodisfa certi kriterji mitluba fil-*code of practice for the safety of commercial vessles* mahrug mit-Transport Malta li dak iz-zmien kienet MMA. Dan il-Code gie esebit bhala **DOK ANP5**.

Spjega illi wiehed mir-rekwiziti huwa illi persuna jkollha GPH, zied pero' li Demanuele minflok ma pprezenta dan ic-certifika GPH ipprezenta dak ta' Efficient Deck Hand esebit u mmarkat **DOK ANP 2**. Sostna illi dawn huma ekwivalenti, anzi EDH huwa daqsxejn iktar bhala kwalifika.

Rigward **DOK AG2** formanti parti minn **DOK BR1** qal li dan huwa identiku ghal **DOK ANP2,** bid-differenza illi filwaqt li fid-dokument li huwa formanti parti min **DOK BR1** hemm timbri li huma kkuluriti, d-**DOK ANP2** huwa black and white. Qal illi dan id-dokument formanti parti mid-**Dok. BR1** kien rah fl-ufficju tal-Human Resources tal-Gozo Channel. Jghid illi fil-funzjoni ta' xoghlu hu qatt ma ra certifikat originali tal-EDH u ghalhekk ma jafx kif inhu.

In kontro ezami x-xhud Arthur Napier qal illi hu ilu jahdem mal-Gozo Channel ghal-dawn l-ahhar 11 il-sena. Jghid illi milli jidher Angelo Demanuele diga' kien jahdem mal-Gozo Channel qablu pero' hu kien iltaqa' mieghu ftit qabel ma sar bosun. Jghid illi bhala stat ta' fatt ma jafx li Angelo Demanuele kien jaghmel xoghol ta' *quarter master* li skont hu huwa ftit oghla minn dak ta' bosun.

Qal illi bhalissa l-Gozo Channel ma taghmilx xoghol ta' *Foreign going* izda huwa minnu li qabel kien jahdem hemm hu, dan ix-xoghol kien isir. Spjega li fil-procedura ta' foreign going suppost li meta vapur jidhol f'port barrani fuq il-vapur

ikun hemm ic-certifikati orignali tal-crew. Jghid illi hu kien sema' minghand il-kaptan Lawrence Winwood li Demanuele gieli ghamel xoghol *foreign going* u li kien hadem bhala *quarter Master*.

Jghid illi dan kien semghu wkoll minghand kaptani ohra u li dan semghu qabel Demanuele effettivament intghazel bhala bosun waqt is-selezzjoni. Spjega illi l-kariga ta' *quarter Master* hija oghla min dik ta' bahri ghaliex normalment il-*quarter master* ikun ir-ragel li jkun mal-kaptan fil-bridge fuq ir-rota.

**Arthur Napier** rega xehed fist-2 ta’ Dicembru, 2014 u kkonferma illi dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta’ DPA (Designated Person Ashore) mal-Gozo Channel u kien responsabbli mis-sigurta’ tal-vapuri. Qal illi hu kien gie imwaqqaf mix-xoghol tieghu mhux b’konnessjoni ma’ dan il-kaz, tant illi illum il-gurnata ghadu jahdem mal-Gozo Channel. Kien twaqqaf milli jahdem bhala DPA ghaliex gie moghti inkarigu iehor. Ikkonferma li fis-snin 2008 u 2009 kien qed isir xi ri-organizzar tal-Gozo Channel, pero’ spjega li dak iz-zmien il-Gozo Channel kienet ISM Compliant u konsegwentement ir-ri-organizzar ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dan, izda biex jimxu mar-requirements ta’ Transport Malta. Sostna li fil-fatt l-audits kienu jsiru perjodikament u kien tnieda process biex jivverifikaw li l-impjegati kellhom il-kwalifiki mehtiega. Jaf illi kien hemm zmien meta c-certifikati kienu jinzammu ghand il-il-Kaptan Mario Grech u sussegwentment minghand il-Kaptan

Mario Grech marru ghand l-HR u f'dan ir-rigward kien involut l-imputat.

Kompla illi l-vapuri tal-Gozo Channel ma jistghux johorgu barra mit-territorial waters ta' Malta u stqarr li huwa minnu li s-Sur Angileri kien qed jorganizza xi courses biex tinghata xi certifikazzjoni ghaliex ma kienx hemm certu certifikazzjoni fil-files tal-impjegati. Zied li dan kien process elaborat peress li kien hemm kwantita' kbira ta' nies li riedu jigu ivverifikati w f'kazijiet fejn ma kienx hemm certifikati, l-Gozo Channel flimien mat-Transport Malta kienu ghamlu xi korsijiet u sahansitra anke kienu baghtu xi impjegati barra minn Malta. Joseph Angileri kien inkarigat minn dan kollu.

Iddikjara li huwa minnu illi c-certifikati originali kienu jinghataw lill-impjegati filwaqt li fil-files tax-xoghol huma kienu jzommu biss kopji u ghalhekk il-kopji li kienu jzommu huma kienu *certified true copies*. Jghid illi fil-fatt kien hemm diversi korsijiet skond id-*designation* ta' dak li jkun. Naturalment kienu xi wahdied li ntbaghtu ghall-kors barra.

Spjega li ghalkemm il-korsijiet kienu jvarjaw skond id-designation, ic-certifikazzjoni kienet tkun ugwali ghal kulhadd. Semma li l-maggor parti tal-impjegati ghandhom certifikat ta' General Purpose Hand (GPH) u sarulhom dawn il-courses biex ikunu parti mill-*manning*. Jghid illi huwa minnu wkoll li certu courses kellhom *life span*. Huwa minnu wkoll li l-imputat kien

holoq *data base* sabiex l-impjegati kollha jkunu indikati bic-certifikazzjoni li kellhom u anke jekk hemmx bzonn li dawn jigu *renewed.*

Jghid illi meta spicca dan il-process, kien sar ukoll internal audit, biex ikun assikurat li min kien jonqsu certifikazzjoni jinghata u minn kellu bzonn xi *renewal* saret ukoll. Oltre dan kien sar ukoll *external audit* u li xoghol l-imputat kien gie approvat kemm mill-internal u kemm mill-external audit. Qal illi l-external audit isir minn kumpanija barranija Bureau Veritas u zied li hu gieli ghamel l-internal audit.

Ix-xhud zied illi l-audit kien jirrigwarda biss ic-certifikazzjoni. Mistoqsi min kien ihallas ghal dawn il-courses ,jahseb li kienu jithallsu mill-Gozo Channel. Napier qal illi ma jafx ghala l-Gozo Channel ma kienitx izzomm ic-cerftifikati originali, zied pero' illi *certified true copy* kienet bizzejjed u li wara kollox ic-certifikat jappartjeni lill-impjegat anke f'kaz li jkun jixtieq imur jahdem x'imkien iehor.

**PS 474 Norbert Said** xehed fl-14 ta' Frar, 2011. Muri **DOK. AG9** li jinsab min fol 43 sa 47 tal-process ikkonferma li hu kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija li hija datata 27 ta' Ottubru 2009 u kkonferma li jaghraf lill-imputat prezenti fl-Alwa. Zied li l-imputat inghata t-twissija skond il-ligi u rilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Fuqha gharaf il-firma tieghu, dik ta'

l-Ispettur Angelo Gafa' u dik ta' l-Imputat li ghazel li jiffirmaha. Il-firem jgharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

B' referenza ghal **DOK. AG 10** qal illi din hija dikjarazzjoni li ha hu minghand l-imputat fid-19 ta' Ottubru, 2009 u fuqha gharaf il-firma tieghu, tal-kollega tieghu WPC279 Shirley Calleja u kif ukoll ta' l-imputat. Rigward **DOK. AG 11** qal li din hija dikjarazzjoni ulterjuri ta' l-imputat datata 28 ta' Ottubru 2009, u fuqha gharaf il-firma tieghu, dik ta' l-imputat u dik tal-kollega tieghu WPC 279 Shirley Calleja.

B'referenza ghal dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet ix-xhud ftakar illi hu kien baghat ghall-imputat u li dan mieghu kien ikkonferma li huwa l-Human Resouces Manager tal-Gozo Channel. Ghalhekk hu kien talbu jgiblu c-certifikat originali tal-EDH ta' certu Angelo Demanuele, liema certifikat kellu n-numru 51758. Qal li fil-verita' dan in-numru bhala certifikat kien jghajjat lil certu Anton Zammit. Zied illi hu kien qal lill-imputat biex johodlu c-certifikat originali meta dan kien gablu kopja tieghu u li dan kien ikkonferma mieghu li kien fil-fatt ra l-orignal ta' dak ic-certifikat. Angileri kien kiteb t*rue copy of original* fuq il-kopja li kien gablu.

B'referemza ghad-dikjarazzjonijiet **DOK. AG 10 u DOK AG 11** qal li dawn it-tnejn jitrattaw l-imsemmi certifikat imsemmi u spjega li fid-dikjarazzjoni **DOK AG 11** hu kien talab lill-imputat igiblu l-originali tac-certifikat, izda dan qatt ma

wasallu. Gie muri zewg dokumenti mid-**DOK BR1,** liema dokumenti huma internament immarkati bhala **DOK AG 2** u **DOK AG 3** u kkonferma li d-**DOK AG2** huwa l-istess certifikat li kien tah l-imputat u li huwa mmarkat bhala *true copy of original.* Rigward **DOK AG 3** qal li din hija rcevuta li hu hareg lill-imputat meta dan tah dan id-dokument.

B'referenza ghal **DOK AG4 u DOK AG5** li wkoll jifformaw parti mid-dokument **BR1,** qal illi d-dokument **DOK AG4** huwa c-certifikat originali ta' Anton Zammit u li kien hadulu l-istess Anton Zammit u li **DOK AG5** hija l-ircevuta li giet ir-rilaxxata lil Anton Zammit. Ix-xhud gharaf il-firem tieghu u dik ta' Anton Zammit fuq l-istess dokument.

**Carmel Vassallo** xehed fl-14 ta' Frar 2011. Jghid illi huwa Registratur Generali tal-bastimenti u tal-bahhara. Ikkonferma li kien hu li baghat id-dokumentazzjoni markata bhala DOK AG4 li tinsab min fol 29 sa fol 38 tal-Process lis-Supretendent Paul Vassallo. Spjega li dan huwa rapport lill-Pulizija fejn hemm spjegat il-fatt li kien cempilhom Arthur Napier DPA tal-Gozo Channel u meta tkellem mal-fizzjal Kevin Tonna kien talbu biex jerga' johrog EDH Certificate lil certu Angelo Demanuele ghaliex dan kien tilef l-original. Qal illi dan il-kaz kien gie riferut lilu. Minhabba li sabu li c-certifikat li dan Demanuele kien qed jipprezenta bhala kopja tal-original in effetti kien mahrug f'isem haddiehor, kienu bghatu ghal dan Angelo Demanuele. Meta mar ghandhom dan kien urihom il-ktieb tal-

bahar u kien qalilhom illi hu qatt ma kien mar ghandhom ghal certifikat u li fil-fatt dak ic-certifikat kien inghatalu min ufficjal tal-Gozo Chanel fis-sena 2000. Vassallo spjega illi Demanuele qatt ma kien ghamel l-ezami u lanqas attenda l-kors sabiex jinghata l-EDH certificate.

Rigward il-ktieb tal-bahar, qal illi dan huwa speci ta' *workbook* fejn fih hemm imnizzel l-identita' u kif ukoll x'servizz bniedem ikun ta fuq il-bahar. Rigward Angelo Demanuele qal, li ghalkemm is-servizz li kien ta fuq il-bahar kien wiehed tajjeb, pero' ma kellux servizzi bizzejjed f'termini ta' zmien biex ikun jista' jikkwalifika ghal EDH certificate. Rigward DOK. AG4 formanti parti minn DOK BR1, qal illi dan huwa l-EDH certicate originali u jghajjat lil Anton Zammit.

In kontro-ezami qal illi huwa jahdem fi-sezzjoni fl-awtorita' li tirregolarizza ic-certifikati tan-nies li ghandha tahdem maghha l-Gozo Channel. Zied jghid illi in kwantu ghall-perjodu li jirrigwarda l-kaz odjern, in kwantu ghall-policy tal-Gozo Channel, dan kien iktar jidhol fiha d-direttorat tal-portijiet.

Kompla illi bhala policies kull kumpanija sabiex topera irid ikollha *document of compliance* li jissejjah ISM Certification u dan tohorgu *classification society*. In kwantu l-kreazzjoni tal-policy tal-kumpanija Gozo Channel hu ma kellux x'jaqsam.

**Kevin Tonna** xehed fl-1 ta' Gunju, 2011 u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Clerical Officer ma' Transport Malta ex Malta Martime u ilu f'dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar 8 snin. Rigward id-dokument muri a fol. 38 tal-Process, filwaqt illi gharaf il-firma tieghu fuqu ddikjara li d-data tal-25 ta' Settembru 2009 hija d-data ta' meta ghamel it-timbru tax-xoghol tieghu cioe' tax-xoghol ta' l-Awtorita Marittima. Qal li dan id-dokument huwa EDH Certificate. Ftakar illi kien ircieva telefonata minn persuna li dentifikat ruhu bhala Arthur Napier mid-DPA tal-Gozo Channel. Dan kien qallu li kienet qed issir spezzjoni fuq vapur tal-Gozo Channel u li kellu certifikat li kellu bzonn li jkun *certified true copy*. Zied li peress li ma kellu xejn quddiem kien talbu jibghatlu d-dokument b'email u fil-fatt dak hekk ghamel. Dan jinsab esebit a fol 37 tal-Process. Skond ix-xhud kien Lino Vassallo li awtorizzah jawtentika dak ic-certifikat w dan minghajr la Lino Vassallo w lanqas hu ma kienu vverifikaw jekk effettivament kien inhareg certifikat lil persuna bl-isem ta' Angelo Demanuele. Sussegwentement kien ghadda kopja lil Napier permezz ta' e-mail u allura c-certifikat li awtentika hu baqa' fl-ufficju tieghu u kien baqa' ma' Napier li dan kellu jmur jigbor l-original iktar tard. Kien hawnhekk illi huwa w Lino Vassallo ghamlu l-verifiki mill-arkivju taghhom u irizulta li dan ic-certifikat numerat 51758 ma kienx jghajjat lil Demanuele izda lil Anton Zammit.

**Anton Zammit** xehed fl-1 ta' Gunju 2011 u kkonferma illi twieled fl-1 ta' Novembru 1979. Jghid illi huwa bhalissa jahdem

bhala Maritime Superintendent fis-socjeta' Island Banker Oils Ltd. izda qabel kien jokkupa l-kariga ta' Chief Officer mal-Gozo Channel. Qal illi sabiex seta' jahdem mal-Gozo Channel kellu bzonn jaghmel xi korsijiet u ezamijiet kif ukoll kien rikjest perjodu ta' zmien fuq il-bahar. Meta kien muri d-DOK AG 4 formanti parti mid-Dok BR1, qal li dan huwa EDH certificate u bih wiehed ikun jista' jahdem bhala bahri.

Kompla li dan ic-certifikat inghata lilu wara li ghamel in-Nautical School. Fuqu gharaf il-firma tieghu. Qal illi wara li kien ghamel l-interview mal-Gozo Channel kien gie mitlub jipprezenta c-certifikati originali u wara li kienu saru l-kopji, kienu inghatawlu lura mill-imputat odjern Joseph Angileri.

Spjega li lil Angelo Demanuele kien jafu jahdem bhala mooring man mal-Gozo Channel, cioe' kien jahdem fuq l-art.

Rigward DOK AG 5 jghid illi din hija l-ircevuta illi tawh il-Pulizija minhabba li kienu hadulu c-certifikat waqt din l-investigazzjoni.

**Angelo Demanuele** xehed fis-27 ta' Settembru 2012. Ikkonferma illi kien hemm proceduri kriminali kontra tieghu u li hu kien ammetta l-akkuzi. Ikkonferma inoltre li hu kien tressaq il-Qorti w akkuzat li kellu certifikat falz ta' l-EDH, liema certifkat kien jintitolah jahdem bhala bosun. Qal illi llum

huwa jahdem bhala Security officer mal-Gozo Channel u li b'kollox ilu impjegat mal-kumpanija ghal 38 sena.

Qal illi qabel Ottubru 2009 u cioe' mit-18 ta' Gunju, hu kien jahdem Bosun (boatswain), izda qabel kien security officer fuq l-art. Ftakar illi meta kien applika ghall-posizzjoni ta' boatswain, kull ma kellu certifikati kien il-ktieb tal-bahar b'disa' (9) xhur baha internazzjonali mal-MV Ghawdex ghal Sqallija fuqu, pero' qal li ma kien intalab juri l-ebda certifikat.

Demanuele stqarr li EDH certificate hu ma jafx xi tfisser kif ukoll illi hu qatt ma ghamel xi korsijiet relatati. Sussegwentement xi tlett gimghat wara li beda jahdem bhala boatswain kien messu xoghol mal-Kaptan Mario Grech. Dan kien saqsieh jekk ghandux ic-certifikati FRB (tar-rescue boat) u GP (biex tkun tista' tahdem fil-vapur) u hu qallu li ma kellux, allura l-Kaptan qabbad persuna ohra floku filwaqt li lilu haddmu bhala bahri fuq il-vapur. Cio' nonotante xorta baqa' jahdem ta' Bosun ma' kaptani ohra, izda mhux mal-Kaptan Mario Grech.

Irrakkonta li sussegwentement ghall-habta ta' Settembru, kien cempillu l-imputat Joseph Angileri w qallu li kien sablu certifikat fil-file tieghu. Kompla li Angileri rega' cempillu w talbu *photocopy* tal-ktieb tal-bahar, izda wara ftit rega' cempillu w qallu biex ma jaghmel xejn u jtih biss in-numru tal-ktieb. Imbaghad wara xi jumejn jew tlieta mar ghac-certifikat.

Jikkonferma li dan ic certifikat jinsab esebit fl-atti u markat AG2 formanti parti mid-Dok BR1 a fol. 55.

Zied jghid illi meta mar ghac-certifikat l-imputat qallu li dan kien sabulu fil-file tieghu u talbu biex jiffirmah. Dakinhar kien hemm hu w l-imputat biss. Ikkonferma li dan hu certifikat tal-EDH li hu effettivament qatt m'ghamel l-ebda kors ghalih. L-imputat tah zewg kopji, wahda biex izommha d-dar u l-ohra f'kaz li jitlobhielu xi hadd u kompla jahdem bhala boatwain ma' kaptani differenti izda mhux mal-Kaptan Grech.

Il-Prosekuzzjoni gibidtlu l-attenzjoni li c-certifikat in kwistjoni (Dok. BR1 – Dok. AG2) igib id-data tal-20 ta' Lulju, 2000 w staqsietu x'korsijiet kien ghamel sa dakinhar. Huwa wiegeb li kien ghamel kors wiehed tal-fire fighting gewwa Hal-Far zmien qabel, pero' certifikat li kien inghata ma jafx fejn hu.

Kompla jispjega li kien rega' messu xoghol mal-Kaptan Mario Grech fit-13 ta' Settembru 2009. Dan kien ghajjatlu fil-bridge u talbu ghac-certifikati. Meta staqsih ghal FRB kien wiegbu li kien wasal mill-Ingilterra l-gurnata ta' qabel. Meta mbaghad talbu ghal GP, ix-xhud qal li wrih il-karta li kien tah l-imputat u l-Kaptan qallu li seta' jkompli b'xoghlu ghax kellu kollox sew. Qal illi kif waslu c-Cirkewwa l-Kapter rega' sejjahlu w ried jerga' jara l-karta w ghal dakinhar baqa' jahdem. Ftit wara kien kellmu l-Kaptan Joe Vella u kien rega' staqsih ghal dawn ic-

certifikati. Qal illi ghall-habta ta’ Ottubru kien ukoll baghat ghalih il-Kaptan Fritz Farrugia u dan kien qallu li sakemm isiru l-vertifiki necessarji rigward dan ic-certifikat, kienu ser inizzluh minn abbord. Kompla jghid illi mbaghad kien bghat ghalih is-Sur Napier u kien talbu jikkonferma jekk hux vera kien tilef ic-certifikat originali u hu kien qallu li vera. Meta gie mistoqsi ghaliex kien qal hekk, ix-xhud stqarr illi kien l-imputat li qallu biex jghid li kien tilef l-originali jekk isaqsih xi hadd. Jghid illi s-sur Napier kien tah karta biex jiffirmaha fejn jiddikjara li kien tilef ic-certifikat. Din tinsab esebita a fol. 35 tal-process bhala Dok. AG4.

Jghid illi c-certifikat li iffirma dak inhar quddiem l-imputat kien fuq karta bajda

.

**Angelo Demanuele** rega’ xehed fit-2 ta' Dicembru 2014 u kkonferma li huwa minnu li kien diga’ hadem bhala bosun mal-Gozo Channel fil-passat. Ikkonferma in oltre li snin qabel huwa kien hadem bhala bosun, u dan qabel ma sar il-process tal-ghazla. Fil-fatt dam jaghmel dan ix-xoghol ghal xi tlettax(13)-il sena. B’referenza ghall-ittra datata 30 ta’ April, 2009 li tinsab annessa mad-dokumenti AM12 a fol 50 tal-process, qal li din hija ittra miktuba minnu w indirizzata lil Kaptan Fritz Farrugia, fejn stqarr li kien ilu jahdem mas-socjeta’ Gozo Channel ghal 35 sena u li effettivament kien diga’ hadem bhala bosun ghal-13 il-sena.

Semma illi originarjament hu waqaf jahdem bhala bosun u beda jahdem bhala *night security officer* ghal regunijiet personali tieghu. Ghamel referenza ghall-ittra datata 12 ta' Mejju 2009 mibghuta lilu mill-Gozo Channel. Qal li fuqha hemm il-firma tieghu fejn hu kien accetta l-hatra tieghu bhala bosun u dakinhar is-Sur Angileri l-imputat kien talbu biex jipprovdilu c-certifikati li kellu. Qal illi fil-fatt kellu *sea book* u kien ghaddielu n-numru tal-ktieb tal-bahar. Filwaqt li kkonferma illi kien cempillu s-sur Napier u kien talbu biex johodlu c-cerftifikazzjoni l-ohra li kellu apparti l-ktieb tal-bahar, cahad li kien qallu li kien tilifhom u li ma kellux tali certifikazzjoni.

Imbaghad stqarr illi fil-fatt lis-Sur Napier kien qallu li kien tilef ic-certifikazzjoni originali, kif kien qallu jaghmel is-sur Angileri u kien ghalhekk li s-Sur Napier kien tah jiffirma dokument fejn ghamel dikjarazzjoni f'dan is-sens. Stqarr illi hu filfatt kellu *photocopy* li kienet inghatat lilu mis-Sur Joseph Angileri l-imputat. Id-dikjarazzjoni li ffirma tinsab a fol 62 immarkata bhala **DOK ANP1.** Sostna illi kien l-imputat li kien qallu li kien sab ic-certifikat fil-file tieghu u kien ghaddielu kopja tal-EDH. Meta ghaddielu din il-kopja hu ma kien qallu xejn.

Qal li sa fejn jaf hu l-uniku kors li kien ghamel kien dak tal-Fire Fighting. Zied jghid illi hu iffirma dan ic-certifikat immarkat bhala Dok. ANP2 a fol. 63 u minn dak il-hin ma tax kaz x'kien fih u ghalhekk wara li ffirmah qabad u telaq bih u meta talbuh

dan ic-certifikat hu qabad u ghaddiehulhom. Stqarr illi kieku kien jaf li ma kienx tajjeb kien jaqbad u jirritornah. Ammetta li kienu tressqu proceduri kriminali kontra tieghu u li hu kien ammetta li kien ghamel uzu minn certifikat falz, u illi hu kien accetta dan ic-certifikat li kien tah is-sur Angileri l-imputat odjern.

Filwaqt li ddikjara li hu iffirma li tilef ic-certifikat ghaliex l-imputat kien qallu biex jaghmel hekk, pero' qal li ma jidhirlux li dan kien heddu. Qal ukoll li m'hu qieghed jghatti lil hadd hawnhekk. Zied illi qatt ma staqsa ghaliex ma qalulux biex jaghmel dan il-kors tal-EDH u ma kienx jaf illi s-sur Angileri kien qed jorganizza korsijiet ghall-impjegati kollha. Demanuele qal illi l-kors tal-Fire Fighting ghamlu l-Ingilterra. Sostna illi hu ma riedx ic-certifikat tal-EDH, izda dak ta' GP u fil-fatt illum il-gurnata l-kors ta' GP ghamlu. Insista illi s-Sur Angileri kien qallu biex jghid li c-certifikat tal-EDH kien tilfu w hu qaghad fuqu w li kien ghadda c-certifikat lill-Ispetur Gafa'. Qal li dak iz-zmien hu kien jahdem bhala Quarter Master li tifsser bosun.

Mistoqsi kif kien jahdem ta' bosun meta ma kellux certifikati, qal illi dak iz-zmien, ma kienx mehtieg dan ic-certifikat. Dan kien fis-snin 1980 meta kellu biss ktieb tal-bahar. Qal illi llum jahdem bhala *mooring man*, fuq l-art u ghalhekk m'ghandux bzonn certifikati.

Mistoqsi jekk il-Kaptan Grech kienx qallu xi haga meta kien ghaddielu d-dokument **AMP2** wiegeb illi ma kien qallu xejn. Skond ix-xhud is-Sur Angileri kien talbu jmur hdejh qabel ma kellmu l-Kaptan Grech. Zied li fil-fatt huwa qatt ma kien imur hdejn l-imputat u mar biss ghax kien sejjahlu w qallu li kien sablu certifikat fil-file. Jghid illi wara dik l-okkazzjoni jista' jkun li rega' kellmu fuq il-mobile pero' qatt ma rega' mar hdejh. Jghid illi huwa minnu li hu hadem fuq il-Gozo Channel bejn Malta u Sqallija.

**Joseph Saliba** xehed fit-22 ta' April, 2013 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala Executive mal-ETC. Esebixxa l-*employment history* ta' Joseph Angileri ID Card Number 316945M, liema dokument gie mmarkat bhala **DOK SJ1**.

Esebixxa wkoll l-*employment history* tas-Sur Angelo Demanuele ID Card Number 21759G li gie mmarkat bhala **DOK SJ2,** kif ukoll l-*employment history* ta' Anton Zammit ID Card Number 516579M li gie mmarkat bhala **DOK SJ3**.

**Joseph Saliba** ghan-nom u in rapprezentanza tal-ETC rega' xehed fit-2 ta' Dicembru, 2014. Ikkonferma li huwa minnu illi huma jiktbu d-*designation of employment* fuq id-dokumentazzjoni ta' dak li jkun skond l-informazzjoni li tintbaghtilhom mill-*employer*. Qal illi l-ETC ma tidholx f'din il-kwistjoni ta' *designation u* jimpurtahom biss li jigi rappurtat l-impjieg u li jekk jigi terminat jigu infurmati.

**Mario Grech** xehed fit-22 t'April 2013. Iddikjara illi huwa jahdem bhala Senior Master mal-Gozo Channel u jaghmel xoghol ta' Kaptan. Qal illi ilu jahdem mal-Gozo Channel ghal dawn l-ahhar 20 sena.

Filwaqt li kkonferma li jaf lil Angelo Demanuele spjega li dan kien beda jahdem mal Gozo Channel originarjament fis-snin 70 meta kien hemm ta' Zammit joperaw il-vapuri. Kien jokkupa l-kariga ta' Quarter Master. Wara kien nizel l-art jahdem ta' *mooring* u *night watchman*. Spjega li l-izjed li kien jahdem bil-lejl ghaliex mid-dehra kien dilettant ta' l-ghasafar. Irrakkonta li fl-2008 huwa kien Chief Operations Officer u ma kienx jahdem abbord. Ghall-habta ta' l-elezzjoni tas-sena 2008 Demanuele kien kellmu w qallu li jixtieq jerga' jmur jahdem abbord bhala bosun.

Spjega illi bosun huwa foreman tad-deckhands. Huwa kien staqsa Demanuele xi kwalifici kellu, specifikament jekk, jekk kellux l-AB (Able Seaman) jew Efficient Deckhand (EDH) jew GP li spjega li huwa General Purpose. Spjega li ukoll dak ta' Fire Fighting u BFRB (fast rescue boat), u sa fejn jaf hu Demanuele ma kellu l-ebda wiehed. Il-Kaptan Grech xehed li kien qal lil Demanuele li ma setax jidhol minghajr dawn l-affarijiet u dak qabad u telaq mill-ufficcju bla kliem xejn. Ix-xhud qal illi aktar tard kien irrezenja minn Chief Operations

Officer u rega' mar Senior Master abbord u ghalhekk ma kellux x'jaqsam iktar mal-ufficcju.

Gara illi f'Gunju 2009 kien sema' li Angelo Demanuele inhatar bosun u fl-1 ta' Lulju inzerta xoghol mieghu. Qal illi dakinhar sejjahlu w staqsih ghall-kwalifiki w dak kien wiegbu li m'ghandux u allura kien qallu li minghajr kwalifiki ma setax jahdem bhala bosun. Zied illi dakinhar inzerta kellu bosun iehor li kien qieghed jahdem flok deckhand. Dak il-hin Demanuele kien qabad u nizel minn abbord minghajr il-permess tieghu u mar l-ufficcju ghas-sodisfazzjon. L-ghada hu kien baghat email lis-CEO fejn infurmah li dan ma kellux kwalifiki bizzejjed u biex isibu rimedju. Kopja ta' din l-email kienet diga' giet esebita bhala **DOK GM1**. Spjega illi f'din l-email hu kien qal li Demanuele kien assenjat bhala bosun fuq il-vapur tieghu bla ma kellu la ABGP u l-anqas PFRB li huma statuary reqirements ghal dan il-post. Din l-email hija datata 2 ta' Lulju 2009.

Kompla illi wara dakinhar Angelo Demanuele thalla jahdem bhala bosun minghajr ma kellu kwalifiki. F'Settembru dan kien rega' messu jahdem mieghu u ghal darb' ohra staqsih ghal kwalifiki. Dakinhar izda dan tah kopja ta' certifikat ta' l-EDH u hu mill-ewwel innota d-data li kien hemm fuqu, cioe' li kienet is-sena 2000. Din gibditlu l-attenzjoni ghaliex Demanuele kien mar ikellmu biex jibda jahdem bhala bosun fl-2008, u dak iz-

zmien kien qallu li ma kienx ghamel korsijiet. Fl-opinjoni tax-xhud ma tistax tinsa li tkun ghamilt dan il-kors.

Zied illi dan qajjimlu suspett li kien hemm xi haga hazina. Qal li din il-kopja kienet immarkata ‘certified true copy’ mill-Human Resources tal-Gozo Channel. Hawnhekk ikkonferma li jaghraf lill-imputat. Il-Kaptan Grech qal illi ghat-tieni darba rega’ baghat email lill-Kaptan Fritz Farrugia izda Demanuele xorta baqa' jahdem ta' bosun. Imbaghad f’Ottubru 2009 ipprezenta protest gudizzjarju. Ix-xhud kompla jghid li minhabba li tkellem gie sospiz u li xi hmistax wara s-sospensjoni tieghu Demanuele ma baqax jahdem abbord.

Sostna illi meta kien jahdem bhala Chief Operations Officer kellu access ghar-records izda mhux hu kien izommhom. Fuq mistoqsija tal-Prosekuzzjoni jekk meta kien mar ikellmu Demanuele fl-2008 kienx iccekkja r-records tieghu, qal illi ladarba dan kien stqarr mieghu li ma kellux certifikati, ma kellux ghalfejn jiccekkja.

In kontro-ezami x-xhud qal li hu kien beda jahdem mal-Gozo Channel fis-sena 1994 u kien go l-ufficju sas-sena 2000. Bejn is-sena 2000 u s-sena 2006 kien Senior Master u kien hareg jahdem abbord u minn Awissu 2006 sa Ottubru jew Novembru 2008 kien Chief Operations Officer imbghad kien rega’ mar Senior Master.

Meta gie mistoqsi stqarr illi jaf li Demanuele kien jahdem bhala Quarter Master. Filwaqt li kkonferma illi jaf li l-Gozo Channel zmien qabel kienet taghmel vjaggi ghal Sqallija, pero' qal illi kemm kien ilu jahdem hemm hu qatt ma jaf li Demanuele hadem bhala bosun, lanqas minn Ghawdex ghal Sqallija.

Mistoqsi kien hemm xi dizgwid bejnu u bejn il-kumpanija rigward kwalifiki jghid li mhux risposta ta' iva jew le. Zied jghid li kien hemm kaptana ohra li kienu jhaddmu lil Demanuele bhala bosun, pero' fl-opinjoni tieghu dawn ma kinux qed jimxu sew. Fuq domanda tad-difiza huwa stqarr li fis-snin disghin (90), cioe' meta huwa kien Fleet Management Executive, Demanuele kien jahdem bhala Quarter Master. Imbaghad id-Difiza staqsietu ghaliex meta Demanuele fl-2008 kien urih li xtaq jerga' jahdem bhala bosun, huwa kien talbu c-certifikati avolja dan kien indikalu li diga' kien hadem bhala bosun. Hawnhekk spjega li ghamel dan ghaliex kuntrarju ghas-snin disghin, fl-2008 l-kumpanija riedet tkun compliant mal-ISM Code fejn hemm regim strett ta' proceduri. Spjega li mindu Malta dahlet fl-EU fl-2004, giet introdotta formal safety management system.

Ix-xhud qal illi hu ma kienx involut fit-training ta' Demanuele u jghid li dan kien intbghat l-Ingilterra ghal PFRB, pero' sabiex jahdem ta' Bosun ghandu bzonn l-EDH.

Rigward is-sospensjoni tieghu, il-Kaptan Grech sostna illi kien gie sospiz ghaliex il-protest gudizzjarju li ghamel kien spicca *front page* fil-gazzetti u qabel mad-Difiza illi dak iz-zmien kien hemm xi divergenzi bejnu u bejn il-kumpanija.

**Fritz Farrugia** xehed fit-22 ta' April, 2013 u kkonferma li fil-prezent huwa disokkupat, izda fis-sena 2009 kien CEO mal-Gozo Channel. Ftakar li l-pulizija kienu kellmuh dwar Angelo Demanuele li kien bahri u allegatament kellu certifikat falz. Ma jiftakarx jekk kienx bahriu normali jew jekk kellux xi kariga partikolari.

Wara li gie muri d-dokumenti immarkati Dok. AG13 ikkonferma li kien hemm internal vacancy ghal bosun, kien intaghzel Demanuele u beda jahdem f'din il-posizzjoni mit-12 ta' Mejju, 2009. Ix-xhud qal li bl-amment ma jiftakarx x' kienu r-rekwiziti biex wiehed jinhatar bosun, pero' nsista li biex tellghuh Demanuele kien jissodisfahom. Qal illi dwar kwistjonijiet relatati mal-personnel, anki waqt Bord, kienu joqoghdu fuq il-Human Resources Manager, li dak iz-zmien kien Joseph Angilieri, li huwa gharfu prezenti fl-Awla.

Fktakar li l-Kaptan Mario Grech kien qajjem il-punt fuq il-validita' tac-certifikat ta' Demanuele. Qal illi hu ccekja mas-Sur Angileri u dan ivverifikalu li kellu c-certifikati necessarji.

Id-deposizzjoni tal-Kaptan Fritz Farrugia giet sospiza.

**L-Ispettur Angelo Gafa'** xehed fit-22 t'April 2013 u kkonferma li kien ha stqarrija tal Kaptan Frizz Farrugia, wara li inghata s-solita twissija skond il-ligi, nhar is-27 ta' Ottubru 2009, u dan ghaliex kien wiehed mis-suspettati f'dan il-kaz. Iddikjara li fuqha jaghraf il-firem tieghu, ta' PC 127 u tal-Kaptan Farrugia. Dan id-dokument gie esebit bhala **DOK PSA 1**. Ikkonferma li l-Kaptan kien talbu kopja ta' l-istqarrija biex jiffriska l-memorja. Pero' qatt qabel minn mindu kien gie innotifikat ma kien talbu kopja.

**Fritz Farrugia** kompla jixhed fit-22 t'April 2013 u muri DOK PSA1, gharaf il-firma tieghu fuqu.

**Din il-Qorti pero' taghmilha cara li din l-istqarrija mhux ser tinghata l-ebda konsiderazzjoni w dan ghaliex ma messu qatt gie esebit u ghalhekk fir-rigward ta' dan ix-xhud il-Qorti sejra toqghod biss fuq dak li qal viva voce fil-Qorti u ghalhekk l-istqarrija a fol 156 Dok PSA1 ser tigi skartata in toto**.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' April 2013il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tinnomina espert bil-ghan li jezamina d-dokument Dok AG2 formanti parti minn Dok. BR1 u jqabbel il-karatteristici tieghu mac-certifikat Dok. AG4 ukoll formanti parti mid-Dok. BR1.

Il-Qorti laqghet it-talba u gie nominat Dr. Anthony Abela Medici ghal dan l-iskop.

**Dr. Anthony Abela Medici** xehed fl-1 ta' Lulju 2013 u esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala **DOK 'AM1'.** Fl-istess hin irritorna d-dokument li kien irtira mill-atti tal-kawza sabiex jkun jista' jespleta l-inkarigu moghti lilu.

Minn ezami ta’ din ir-relazzzjoni li saret ai termini tad-digriet moghti lilu minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-22 ta’ April 2013 jirrizulta li id-dokument AG2 kien kostruwit mid-dokument originali AG4 bili gie iffotokopjat diversi drabi, partijiet minnu gew imhassra u wara rikostruwiti b’kitba u identita’ gdida ta’ persuna ohra, cioe’ ta’ Angelo Demanuele ri-iffotokoppjat u wara certfikat bhala ‘*True Copy of Original’* u iffirmat u ttimbrat minn Joseph Angilieri. Id-dokument AG2 ghalhekk huwa falsifikazzjoni tad-dokument AG4.

L-imputat **Joseph Angileri** kien irrilaxxja tliet (3) stqarrijiet datati 27 ta’ Ottubru 2009 Dok AG9 (fol. 43) , ohra datata 19 ta’ Ottubru 2009 immarkata bhala Dok AG10 (fol. 48) u ohra datata 22 ta’ Ottubru 2009 (fol. 49).

**L-Imputat Joseph Angileri** xehed viva voce nhar id-9 ta’ Gunju, 2015. Iddikjarali llum huwa pensjonant u kien spicca mix-xoghol fis-sena 2006 mill-Malta Martime Authority. Pero’ kien rega’ dahal jahdem mal-Gozo Channel fis-sena 2007

sabiex jirranga c-certifikati peress li kien ser ikun hemm ISM audit fis-sena 2008. Qal illi fis-sena 2000 l-kumpanija kienet giet iddikjarata bhala ISM (International Safety Management) Compliant u ghalhekk giet qisu Foreign Going. Ghalhekk kulhadd kellu bzonn certifikat sabiex ikun jista' jbahhar u dan mil-livell ta' cleaner sal-Kaptan.

Kompla jghid illi meta gew biex jaghmlu l-ISM tal-Kumpanija, liema process beda fis-sena 2000, hu kien jokkupa l-kariga ta' Head of Human Resources. Spjega illi meta gew biex jaghmlu l-audit, sabu li hadd ma kellu certifikat ta' kompetenza mill-Kaptan l-isfel u ghalhekk kellhom jaghmlu update tac-certifikati ta' kwazi kulhadd. Bl-ghajnuna tal-Martime Authority kienu hargu ktieb fejn hemm indikat kull grad x'certifikat ghandu bzonn.

Iddikjara illi qabel spicca mix-xoghol minn mal-kumpanija, c-certifikati kienu jinzammu c-Cirkewwa, filwaqt li hu kien stazzjonat San Maison. Dawn kienu jinzammu minn zewg Kaptana u kienu jigu processati hemmhekk. Pero' jghid illi dawn kienu zewg Kaptani anzjani u ma jiftakarx min kienu. Sostna illi meta beda l-inkarigu tieghu fit-2007, dawn kienu jinzammu mill-Kaptan Mario Grech li kien Senior Master dak iz-zmien u ma riedx jaghddihomlu. L-imputat jghid illi l-Kaptan Grech kellu l-ufficcju l-Imgarr Ghawdex u ghalhekk hu kien talab sabiex c-certifikati jitnizzlu c-Cirkewwa u dan sar fuq ordni tac-chairman. Spjega illi fis-sena 2007 l-ufficcju tieghu

kien ic-Cirkewwa u li fis-sena 2008 kien se jsir audit li tant kien importanti li jekk ic-certifikati ma jkunux f'posthom il-kumpanija setghat tieqaf topera.

Kompla jispjega illi hu, bl-ghajnuna ta' zewg impjegati, dar ic-certifikati kollha w ghamel *database* taghhom. Zied illi meta waslet l-audit, hadu pjacir b'din is-sistema tant illi riedu li kumpaniji ohra jaghmlu l-istess. Qal illi din il-procedura kienet li jibaghat l-impjegati n-Nautical School gewwa l-Kalkara u jaghmlu l-korsijiet relattivi, imbaghad hu jaghmel l-updates relattivi skond c-certifikat li jinghataw. Sostna illi c-certifikati li gew *updated* kollha inghataw min-Nautical School. Qal ;o sussegwenti ghall-audit tas-sena 2008/ 2009, ic-Chairman kien baghtlu Memo biex jaghmlu *internal application* biex jimpjegaw bosun minhabba *overtime* li kien qed isisr. Ghalhekk saret *call for application*. Qal illi applikaw xi sitta (6) min-nies u kien gie maghzul certu Angelo Demanuele. L-imputat jghid illi fil-bidu nett Demanuele kien diga' jahdem bhala bosun u kien sahansitra anke siefer mal-kumpanija fuq l-Ghawdex u kellu l-esperjenza necessarja biex jiehu dan il-grad. Sahansitra kien gie l-ewwel.

Muri d-dokument **AG12** stqarr illi hu kien ilu jaf lil Angelo Demanuele mill-bidunett. Fil-fatt qal li wara ftit li dan kien beda jahdem bhala bosun, kien talbu biex imur *watchman* ghaliex kellu ommu marida w inoltre kellu d-delizzju ta' l-insib,

u ghalhekk kien jippreferi jahdem bil-lejl. Minhabba f'hekk kien nizel hames (5) gradi.

Angileri qal li beda jahdem mal-kumpanija fis-sena 1991 u dan fid-Dipartiment tal-Human Resources u kien jiehu hsieb il-crew li kien imur bil-vapur ta' Ghawdex li dak iz-zmien kien imur Sqallija u konsegwentement kien jirrosterja lil Angelo Demanuele fuqu u ghalhekk kien jahdem foreign going.

B'referenza ghall-ittra indirizzata lil Dr. Oliver Captain Fritz datat 30 t' April 2009, sostna illi huma bhala Board qatt ma ddubitaw dak li qal Angelo Demanuele fl-ittra tieghu tat-30 t'April 2009 u dan ghaliex fil-passat meta kellhom *inside outside harbour license* biss generalment kien jkunu l-bosuns li jghinu l-Kaptan biex isalpaw u filfatt kien hemm anke indikazzjonijiet li gieli kienu anka l-bosuns li dahhlu l-vapur u mhux il-kaptan. Ghaldaqstant ma kellux dubju mill-kwalifiki tieghu. Zied li sahanstira kien hemm applikant iehor li irtira w dan filfatt kien ghamel dikjarazzjoni illi Angelo Demanuele kellu aktar mertu biex isir bosun.

Huwa zied jghid illi filfatt meta kienu baghtu ghalih il-Pulizija u kien gie mitlub jiehu kopja tac-certifikat mieghu id-Depot, hu kien inhasad. Qal illi fil-fatt kien ghaddielhom kopja ta' dan ic-certifikat. Fil-fatt iffirma dikjarazzjoni datata 19 ta' Ottubru 2009 (a fol 48 tal-process). Jghid illi wara kienu regghu baghtu

ghalih u kien irrilaxxa dikjarazzjoni ohra li tinsab inserita' a fol 49 u fis-27 ta' Ottubru, 2009 irrilaxxja stqarrija (fol. 43 et seq.).

Inoltre sostna illi hu ma kellu ebda diffikulta' biex jghaddilhom ic-certifikat u fil-fatt kien tahom kopja wkoll. Ftakar illi kien cempillu c-chairman u qallu li xtaqu jkellmuh id-Depot u ovvjament mar. B'referenza ghat-tieni faccata tal-istqarrija tieghu a fol 44 u partikolarment b'referenza ghac-certifikat ta' Demanuele, qal illi huwa kien talbu jghaddilu c-certifikat diversi drabi u li dan l-ewwel kien qallu li ma sabux, imbaghad li kellu xi hruq id-dar, imbaghad kien talbu jfittixlu fil-file.

L-imputat spjega li peress li Demanuele ma kienx jahdem *on board,* qatt ma kellu c-certifikati ma' dawk tal-crew u ghalhekk lanqas ma dahal fil-kwistjoni tal-audit peress li kien security. Kien ghalhekk li fis-sena 2009 beda jitolbu c-certifikati, meta hu kien gja bosun. Kompla illi Demanuele kellu bzonn ic-certifikat ta' Fast Rescue Boat u li dan dak iz-zmien in-Nautical School ma kientx toffrih. L-imputat Angileri nsista li kien sab kopja tac-certifikat fil-file ta' Demanuele flimkien ma' affarijiet ohra.

Spjega li Demanuele kellu jaghmel il-Fast Rescue Boat Certificate ghax qatt ma kien ghamlu u ktieb tal-bahar diga' kellu u allura una volta sablu c-certifikat fil-file, ma kien jonqsu xejn aktar. Qal illi meta kien sab dan ic-certifikat fil-file, kien baghat ghal Demanuele u kien ittimbrah u ccertifikahulu

*certified true copy*. Zied illi meta sab dan ic-certifikat, kien hareg Memo lil kulhadd illi Demanuele kien gie *upgraded* bhala bosun u talab lil min jaghmel ir-roster sabiex jillistjah bhala bosun. Kompla jispjega illi biex ikollok EDH certificate persuna trid tkun hadmet ghal numru ta' snin bhala Foreign Going u apparti dan seta' kellu certifikati ohra bhal EDA, AB u DHE.

Irrakkonta illi meta s-Sur Demanuele kien ilu 3 xhur jahdem bhala bosun, messu darbtejn mal-Kaptan Grech u dan id-darbtejn irrifjutah. L-imputat kompla li sussegwentement kien baghat ghalih il-General Manager u ried ikun jaf x'kien qieghed jigri dwar Demanuele, u allura hu spjegali illi dan ma kellux Fast Rescue Certificate u qallu li kien mehtieg li dan jintbghat l-Ingilterra. Dan kollu sar qabel baghtu ghalih il-Pulizija.

Qal illi huma zammu 500 mitt kors. Sostna illi tlett kwarti tal-Kaptana lanqas kellhom certifikati u kienu gabulhom tutors minn barra. Sahaq li ma jistax jifhem l-allegazzjoni li hu ffalsifika c-certifikat, ghaliex ma kellu l-ebda skop li jaghmel dan, u qal li hu sar jaf li dan kien falz meta kellmuh il-pulizija. Stqarr illi hu qatt ma ra c-certifikat l-originali.

Sostna li l-pulizija zammewh jumejn (2) u tul daz-zmien il-Pulizija kienu qalulu li Demanuele kien ser jammetti w kien se jitressaq il-Qorti. Kien sar ukoll konfront bejnu w bejn Demanuele w hu lil dan kien giddbu. L-imputat jishaq li

m'ghandux idea ghala Demanuele qal hekk fuqhu, u li hu dan kien mar ghand il-Kaptan Grech biex jirrangalu ghal bosun. Sostna li f' kumpanija parastatali dejjem issir pressjoni minn fuq biex jintaghzel bniedem, pero' nsista li anke kieku kellu jaghzel fost mitt persuna, xorta lil Demanuele kien jaghzel minhabba l-esperjenza tieghu.

Mistoqsi min effettivament iccertifika dan ic-certifikat u ffalsifika dan ic-certifikat, wiegeb illi ma jafx. Qal illi kieku kien jaf kien li Demanuele ma kellux dan ic-certfikat kien jibghatu n-Nautical School u l-problema kienet tissolva.

Qal li ma kien hemm l-ebda ghaggla partikolari jew xi pressjoni biex hu jiccertifika c-certifikat bhala *true copy of the original* meta huma kienu jzommu biss kopja u l-original tkun ghand il-persuna. Qal li l-Martime Authority kienet titlob li dawn jigu certifikati mill-kumpanija. Qal illi rari l-Kaptana kienu jgibulhom l-kopja originali. Cahad li qatt kellu xi rapporti minghand il-Kaptan Grech fuq Demanuele.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-2 ta' Frar 2016 fejn il-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Qabel xejn jigi rilevat minn din il-Qorti li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuza addebitata lill-imputat hija vera, w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet, fost diversi xhieda ohra, l-persuna ta' Angelo Demanuele tixhed u tispjega f'aktar dettal dak li kienet qalet lill-pulizija li nvestigat il-kaz *a tempo vergine* u li l-imputat ghalkemm mhux obbligat li jixhed, ghazel li jixhed u jikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu *a tempo vergine* u kif jirrizultaw mit-tliet stqarrijiet rilaxxjati minnu w esebiti fl-atti w immarkati bhala Dok. AG 9, AG10 u AG 11 rispettivament. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in*

*the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-

provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha mill-bidu tieghu, kienet hi li semghet kemm lil Angelo Demanuele, kif ukoll lill-imputat jixhdu. Ghalhekk minkejja li ma ghexitx il-process u semghet ix-xhieda kollha tul il-medda ta' zmien, pero' semghet liz-zewg xhieda l-aktar importanti, w cioe' Angelo Demanuele u l-imputat, u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' taghhom.

L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap. 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel l-apprezzament taghha ghall-mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha w ghal kull interess li jista' jkollu kull xhud, u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita' tax-xhud. F'dan il-kaz, dan huwa mportanti hafna peress li kif gja ntqal il-Qorti hija rinfaccjata

b'verzjonijiet konfligenti tal-fatti. Ghalda qstant il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda, w anke dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u dan sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li tkun ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux id-dubji ragjonevoli fiha jew le.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn - jew li l-imputat qed jghid il-verita' u cioe li huwa ghamel timbru ta *'certified true copy'* fuq certifikat li ma rax l-original tieghu, jew inkella kif allega Angelo Demanuele li l-imputat qabad u tah ic- certifikat AG 2 gja falsifikat fil-kontenut u quddiemu kiteb il-kliem '*certified true copy'* u jekk jigi hekk mistoqsi jghid li kien tilef l-original. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat m'hux hati tad-delitt imputat lilu, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuna -u cioe' Angelo Demanuele - biex jaddebitawlu delitt li ma kkommettiex. Ma jistax jigi minsi li effettivament Angelo Demanuele tressaq il-Qorti u gie akkuzat fuq akkuzi konnessi ma' dan il-kaz dwar falsifikazzjoni ta' dokument pubbliku w kien ammetta l-akkuza li kien gie akkuzat biha.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola

generali, u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm tigi ppruvata hatja, w dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal -

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi "Xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza?" Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-

prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Issa fil-kaz in ezami bhala fatti jirrizultaw is-segwenti fatti, li m'humiex in disputa:-

1. Illi l-imputat Joseph Angileri kien spicca mix-xoghol fis-sena 2006/2007 u rega' dahal ghax-xoghol mal-Gozo Channel sabiex jghin fl-*auditing* li kien ser isir biex il-kumpanija tottjeni ic-certifikat tal-ISM wara li jigi assikurat li l-impjegati kollha li jahdmu mal-Gozo Channel ghandhom ic-certifikati rikjesi ghall-posizzjoni partikolari li kienu jokkupaw.
2. Jirrizulta li effettivament kienet saret sejha ghall-posizzjoni ta' Bosun fuq il-Gozo Channel, kif jirrizulta mill-Memorandum li harget bhala Internal Vacancy nhar id-29 ta' April 2009 (fol. 7 ta' Dok. AG 12), u fost numru ta' nies

ohra Angelo Demanuele kien applika ghal dan il-post (vide fol. 3 ta' Dok AG 12).

3. Gara li effettivament Demanuele inghata dan il-post kif jirrizulta minn ittra mibghuta lilu mil-Gozo Channel nhar it-12 ta' Mejju 2009 ( fol. 8 ta dok AG12) u ghalhekk kellu jipprovdi xi certifikati sabiex ikun jista' jahdem bhala Bosun abbord il-vapur tal-Gozo Channel.
4. Jirrizulta li Demanuele kien ilu zmien twil jahdem mal-Gozo Channel u li fil-passat kien gja jadem ta' Bosun izda kien waqaf ghal xi zmien ghaliex xtaq jahdem bhala *night security* ghaliex kellu n-namra tal-Insib u biex jghin lil ommu, w it-talba tieghu sabiex jahdem fuq l-art kienet giet milqugha.
5. Illi ghalhekk meta Demanuele kien qed jigi kkunsidrat bhala Bosun, il-passat tieghu ittiehed in konsiderazzjoni, w cioe' li kien hadem bhal Bosun, u dan kif jirrizulta mid-dokument a fol.. 3 ta' Dok AG12 fejn inghata full marks ghal *'relevant knowledge', 'relevant experience'u 'qaulifications'*.
6. Jinghad li fuq il-Bord tal-ghazla, flimkien mal-imputat, kien hemm is-CEO Kaptan Fritz Farrugia, id-Direttur Noel Borg Hedley u d-Direttur Joseph Borg. Jirrizulta li dawn l-*assessment criteria* kienu gew iffirmati mid-Direttur Joseph Borg (fol. 6 ta' Dok AG12) .
7. Jirrizulta li effettivament Angelo Demanuele kien kiteb lil Kaptan Frirz u qallu li kien gja hadem ta' Bosun ghall-perjodu ta' tlettax-il (13) sena qabel ma tefa' din l-applikazzjoni (vide fol. 13 ta' Dok AG12) .

8. Illi pero' jirrizulta wkoll li fil-passat ghal tali posizzjoni ta' Bosun, ic-certifikazzjoni ta' EDH ma kinitx rikjesta *sine qua non*.
9. Gara li meta Arthur Napier talab lil Demanuele sabiex jiehu ic-certifikati tieghu, dan ma kienx qallu li ma kellux u mar ghand l-imputat u talbu jaghtih kopja tac-certifikat.
10. L-imputat jghid li fil-file tieghu kien hemm kopja u huwa ghamel fotokopja taghha u ttimbraha bhal vera kopja tal-original minghajr ma effettivament kien ra l-original.
11. L-imputat pero' jghid li hadd mill-haddiema abbord tal-Gozo Channel ma kellu ic-certifikat original mizmum fl-ufficcju izda kollha jzommu c-certfikazzjoni taghhom ghandhom, u ghand il-Gozo Channel tinzamm biss kopja fil-file. Dan il-punt hu korroborat minn xhieda ohra
12. Illi Demanuele jghid li kien l-imputat li tah ic-certifikat tieghu ta' EDH u quddiemu ttimbrah *'true copy of the original'*. Ma jghidx pero' li ra lill-imputat jiffalsifika c-certifikat tieghu, jitkellem biss dwar it-timbru tat-*'true copy of the original*'. Min-naha l-ohra l-imputat jghid u jammetti li fil-file ta' Demanuele ga kien hemm allegata kopja ta' dan ic-certfikat EDH, u hu kull m'ghamel kien li ttimbraha bhala vera kopja tal-original minkejja li l-original ma rahx.
13. Illi jirrizulta in segwitu' li c-certifikat numru 51758 fuq ic-certifikat EDH, kien jghajjat lil certu Anton Zammit li twieled fl-1 ta' Novembru 1979 u mhux lil Angelo Demanuele.

14. L-imputat cahad li ffalsifika c-certifikat Dok .AG2 u jghid li ma kienx jaf li n-numru fuq dan ic-certifikat kien jghajjat lil Anton Zammit. Huwa ma ra xejn stramb meta kien iccertifika ic-certifikat bhala *true copy* u dan ghaliex kien gja jaf li Demanuele kien hadem bhala Bosun u allura fehem li bilfors gja kellu c-certfikat, u in oltre la hadd mill-impjegati l-ohra ma jkollu l-original ghandhom izda dejjem jithallew kopji fil-file, haseb li dan kien kaz normali fejn kellu jittimbra l-kopja bhal fotokopja ta' dak li kellhom fil-file li fil-fehma tieghu kien wiehed originali.

**15.** M'hemmx dubju li effettivament id-Dok AG2, u cioe' l-allegat certifikat ta' EDH ta' Angelo Demanuele huwa dokument falz, u dan skond kif stqarr Dr. Anthony Abela Medici li kkonkluda "*li id-dokument AG2 kien kostruwit mid-dokument originali AG4 billi gie iffotokopjat diversi drabi, partijiet minnu gew imhassra u wara rikostruwiti b'kitba u identita' gdida ta' persuna ohra, cioe' ta' Angelo Demanuele, ri-fotokoppjat u wara ccertfikat bhala 'True Copy of Original' u iffirmat u ttimbrat minn Joseph Angilieri. Id-dokument AG2 ghalhekk huwa falsifikazzjoni tad-dokument AG4".*

**Kunsiderazzjoni tal-Ligi.**

L-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 183** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif inhu aktar mgharuf bhala '*Falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank*

*privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku'* li jiddisponi s-segwenti:-

" *Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' ........*"

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jezisti dan ir-reat iridu jissussistu zewg elementi:

1. li l-falsifikazzjoni tkun f'att pubbliku jew kummercjali jew ta' bank privat; u

2. li tali falsifikazzjoni ssir minn persuna li mhux ufficjal pubbliku.

Rigward it-tifsira ghal dak li jikkostitwixxi atti pubblici, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Rex v Giuseppe Zahra** (***1953***) kif rappurtata fil-Vol. XXXVII, pg. 986. Hekk gie ritenut:

"*Fil-ligi Maltija, l-att pubbliku huwa dak li jigi maghmul jew ricevut bil-formolaritajiet mehtiega minn Nutar jew minn ufficjal pubbliku iehor li jkollu s-setgha li jaghti fidi pubbliku lil att.*"

Din it-tifsira hija in konformita' mar-ragjonament ta' sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** fid-disgha (9) ta' Novembru, 1929 li tghid:

" *l'atto pubblico non e' solo l'atto ricevuto con la scritta formalita' da un pubblico ufficciale autorizzato ad attribuire ad essa pubblico fede, ma ogni atto che il pubblico funzionario o forma nell'esercizio della sue funzioni e con le forme stabbilite in rappresentanza delle pubbliche amminstrazioni.*"

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li c-certifikat ta' kwalifika ta' '*Efficient Deck Hand'* huwa att pubbliku. Dan ic-certifikat intuza minn Angelo Demanuele sabiex jipprova jikseb il-kariga ta' Bosun mal-Gozo Channel.

Fil-ligi taghna u fuq skorta ta' dottrina kontinentali, il-falsifikazzjoni – falz materjali – tista' ssir sew **billi jigi falsifikat dokument kollu jew in parti** kif ukoll billi jigi alterat dokument genwin. Fi kliem Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu:-

"*Our Criminal Code – like the models on which it was originally framed does not give a general definition of forgery. Only in respect of the crimes of forgery of public and private writings, it specifies the special* ways *in which the particular crimes may be committed.... in two ways... may in general a forgery be committed either by making in whole or in part a false document (counterfeiting) or by altering a genuine document."*

**Francesco Antolisei** [1] ighid hekk:-

"*Allo scopo di precisare la distinzione (tra falso material e falso ideologico) il Manzini (conformemente, del resto alla migliore dottrina straniera) si e richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilievo assume in generae il termine 'falso' e precisamente alla differenza tra 'non genuinita' e 'non veridicita'. Secondo l'insigne autore il falso materiale si ha quando il document non e genuine, il falso ideologico allorche il document e nesi genuine ma non e veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero. A noi sembra che quella seguita dal Manzini sia la via giusta. Per evitare pero sbandamenti nell'applicazione pratica e necessario intendersi bene sul significato che si deve attribuire all'espressione 'genuino'. Quando e che un document puo dorsi tale? A nostro avviso, affinche possa parlarsi di genuinita occorrono due condizioni. 1. Che il document provenga da colui*

[1] *Antolisei F. MAnuale di Diritto Penale – Parte Speciale Il Giuffre (Milano) 1986. Pp 604 – 605.*

*che figura esserne autore; in altri termini e necessario che l'autore apparent ne sia anche l'auture reale ( effettivo). 2. Che il document non abbia subito alterazione. Per 'alterazioni ' si devono intedere le modificazioi di qualsiasi specie (aggiunte cancellature ecc) che al document autentico vengono apportate dopo la sua definitive formazione."*

Ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni, l-ligi nostrana tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici kif ukoll skritturi privati. L-imputat qieghed jigi akkuzat bil-falz materjali. Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997 li:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza*
*u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F.Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm*

*kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta* (Antolisei F. *op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is*-*sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg."*

Illi qari tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq imsemmija hija sufficjenti biex iwassal ghall-konkluzzjoni li dak li tikkontempla hija il-falz materjali li fi kliem l-**Antolisei,** kif gja inghad, jista' jissussisti f'zewg forom:

*"nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato*[2]."

Illi l-**Professur Mamo** jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny:

[2] *Antolisei op cit pagna 606.*

"*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.*[3]'

Illi l-istess **Profs Mamo** jirreferi għad-dottrina Taljana msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad 'that the forgery must be in the '*materialita' della scrittura'*, that is, the public or private writing in its external conditions as a document[4]."

Illi l-punt li jitkellem fuqu **Kenny** joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:

"*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report*:

'*By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements.*

---

[3] *Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagna 161.*
[4] *Professur Mamo Anthony op.cit. pagna 161.*

*Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in* ***R versus Dodge and Harris****……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered.'*[5]

**Kunsiderazzjoni tal-fatti.**

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta kemm mill-istqarrijiet tal-imputat, li m'humiex kontestati, kif ukoll mix-xhieda li huwa ta *viva voce*, li ma gietx kontradetta (apparti dak li qal il-komplici Demanuele u dwar dan il-Qorti sejra tikkumenta aktar 'l isfel) li huwa qabad fotokopja ta' certifikat li kien hemm fil-file ta' Angelo Demanuele u ha kopja taghha u ittimbraha bhala vera

*[5] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.*

kopja tal-original. M’hemmx dubju li dak li ghamel l-imputat huwa hazin amministrattivament u zgur mhux rakkomandabbli li jsir.

Illi l-uniku xhud li tefa’ xi ombra fuq l-imputat huwa Angelo Demanuele li effettivament huwa komplici, w ghalhekk din il-Qorti ghandha tkun kawta hafna meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda tieghu.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9** u cioe’:

“*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, x-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*”

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Maesta Taghha r-Regina vs John Bondin**’datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu, 1921, gie ritenut li din ir-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza) “*twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali.”*

Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera u li hu ragonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien '**<u>Rex vs Baskerville</u>'** (1916 - 2.K.B. 658) fejn giet ritenut li:

"*it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence which implicates (the accused)...*"

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v George sive Gino Bezzina'</u>** nhar t-tletin (30) ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss:

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused."*

U m'hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cirkostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmintax (18) ta'

Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et**' li tghid:-

"*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda indipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lill-akkuzat u tesendi li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lil akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita importanti li l-akkuzat kkommetta d-delitt.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulziija vs John Said et**[6]' fejn gie ritenut li l-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, pero' tinneccessita'li trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita' tal-versjoni ta' dik x-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita *nexus criminis* bejn din il-versjoni u l-akkuzat. Trid tkun korrobarazzjoni li twassal bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita' kriminuza allegata minn Demanuele fix-xhieda tieghu verament giet imwettqa mill-akkuzat. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputat ma jreggix.

[6] *Deciza fit tnejn ta' Dicembru, 1998, mill-Qorti tal-Appell Kriminali*

Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi u fil-fatt jghid s-segwenti:

"*the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide* **Rex v Bezzina** [7] **-**) *what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide* **Rex v Cuschieri** [8]) *confirming not merely a material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide* **Police v Sammut**[9])."

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti, m'hux necessarju li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulsjoni ta' xhieda u fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li '*does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged?'* Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference*

[7] *deciza mill-Qorti Kriminali nhar it 18 ta' Novembru, 1944*
[8] *deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 ta' Marzu, 1915*
[9] *deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-29 ta' April, 1946*

*cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* **Thomas v Jones** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration.*"

Demanuele *in breve* jghid li huwa kien qal lil Arthur Napier li kien tilef id-dokument tac-certfikazzjoni li kellu ghaliex allegatament kien qallu biex jghid hekk l-imputat, u kien ghalhekk li kien iffirma d-dokument li ghaddielu Napier fejn kien stqarr li kien tilef ic-certifikat tieghu (Dok ANP1 a fol. 62). Qal li l-imputat kien ghaddielu certifikat ta' EDH u meta tahulu ma qallu xejn minkejja li kien jaf li ma kienx tieghu ghaliex qatt ma kien ghamel il-kors. Jghid li huwa ma kienx ta kaz x'kien fih dan ic-certifikat li kien tah l-imputat. Di piu' jghid li kieku kien jaf x'kien fih ic-certifikat kien jirritornah lura lill-imputat. Minkejja dan meta tressaq il-Qorti akkuzat talli ghamel uzu minn certifikat falz, huwa irregistra ammissjoni minnufih. Mistoqsi jekk l-imputat kienx heddu meta allegatament talbu biex jiffirma c-certifikat jghid li ma jidhirlux. Mistoqsi ghaliex ma kienux baghtuh jaghamel dan il-kors tal-EDH, jghid li ma jafx u lanqas jaf li effetivament l-imputat kien qed jibghat xi impjegati sabiex jaghmlu dan il-kors. Ikkonferma ukoll li fil-passat kien jahdem bhala Bosun ghal tlettax-il (13) sena u li anke hadem fuq il-vapur minn Sqallija ghal Ghawdex, pero' dak iz-zmien tali certifikat ta' EDH ma kienx rikjest.

L-imputat min-naha l ohra jghid li meta kien irritorna lura ghax-xoghol fis-sena 2007 kien inkarigat sabiex jiehu hsieb li jsir audit biex jassikuraw li l-impjegati kolha jkollhom ic-certifikati rikjesti. Ghalhekk beda jdur ic-certifikati u jpoggihom f'database li qabel ma kinitx tezisti. Qal li huwa fil-fatt kien jibghat lil xi impjegati n-Nautical School fil-Kalkara sabiex jaghmlu l-korsijiet relattivi w skond ic-certfikati li jinghataw huwa kien qed jiehu hsieb l-*updates* relattivi. Qal li wara li kien sar dan l-audit kienet haret *call for application* ghall-post ta' Bosun u kienu applikaw sitta (6) min-nies, fosthom Demanuele. Ikkonferma li dan kien gja hadem bhala Bosun u kellu l-esperjenza necessarja biex jinghata l-grad u kien gie l-ewwel. Fil-fatt jghid li kien ilu impjegat mal-kumpanija sa mis-sena 1991 u jaf li Demanuele kien gja jahdem maghhom u dak iz-zmien kien jahdem bhala *foreign going*, imur Sqallija bil-vapur bhala bahri. Ghalhekk l-ittra li kien baghat lil Kaptan Fritz datata 30 ta' April 2009 sabiex jigi kkunsidrat ghal grad ta' Bosun ma ddubitahiex. Jispjega illi c-certifikati kienu jigu fotokopjati kemm minnu kif ukoll mill-Kaptana li kienu involuti fil-process tac-certifikazzjoni. B'mod partikolari ghall-kaz ta' Demanuele jghid li kien talbu diversi drabi biex jghaddilu c-certifikat pero' dan l-ewwel kien qallu li kellu hruq god-dar, izda imbaghad kien cempillu w qallu li jahseb li fil-file personali tieghu mizmum mill-kumpanija gja kien hemm kopja. Huwa kkonferma li li d-dokument immarkat bhala Dok. AM5 esebit a fol. 34 ta' l-atti huwa l-kopja tac-certifikat li sab fil-file

ta Demanuele, pero' jghid li fuqha ma kienx hemm ittimbrat *'true copy of the original'* u meta ra hekk qabad u ttimbrah bhal *'certified true copy of the original'* u tah kopja tieghu u kopja ohra poggiha mac-certifikati li sabu.

Illi ghalhekk ma jirrizultax li effettivament kien l-imputat li qabad u biddel is-sustanza tac-certifikat li kien jghajjat lil Anton Zammit (Dok AG 7 a fol. 41) billi biddel id-dettalji hemm imnizzla minn fuq Anton Zammit ghal fuq Angelo Demanuele (Dok AG 5 a fol. 34). Zgur pero' dak li jirrizulta li min ghamel din il-falsifikazzjoni ma ndunax li n-numru tac-certifikat kien ser jibqa' l-istess u cioe' n-numru 51758.

Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet diversi drabi li '*Xhud wiehed, jekk emmnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija.'*[10]

Illi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirostanzi, x-xhieda moghtija mill-imputat kif korroborata minn provi ohra, w dan in sustanza mhux kontestat lanqas minn Demanuele stess, ma jirrizultax li l-imputat effettivament kien hareg id-dokument falz, fis-sens li ghamel hu l-alterazzjoni, zieda u tibdil fuq ic-certifikat ta' Anton zammit sabiex jaghmlu applikabbli ghal Angelo Demanuele. Dak li jirrizulta u dan irrizulta mill-bidu nett, anke fl-istat meta l-imputat irrilaxxja it-tliet stqarrijiet tieghu *a tempo*

[10] Pulizija vs Antoine Cutajar Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar is-16 ta' Mrzu /2001

*vergine* ta' l-investigazzjoni fis-sena 2009, li huwa qabad u ccertifika fotokopja ta' dokument bhala vera kopja ta' original meta ma kellux l-original f'idejh u ghalhekk ma setax jikkonferma il-veracita' ommeno tal-fotokopja. Ghalhekk semmai, l-imputat kellu jitressaq il-Qorti u jigi akkuzat talli ghamel dikjarazzjoni falza kif previst fl-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux jigi akkuzat bir-reat kif previst fl-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe' l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li <u>mhix qed issib lill-imputat JOSEPH ANGILERI hati ta l-akkuza w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija</u>.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti nominati f'dawn il-proceduri, partikolarment ta' Dr Anthony Abela Medici, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li ma sabitx lill-imputat JOSEPH ANGILERI hati tal-akkuza odjerna w ghalhekk tichad tali talba tal-Prosekuzzjoni.**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**